## LILL-MADONNA TA' LOURDES F'EGĦLUQ IL-ĠUBLEW TA' L-1933

26-28 ta' April 1935

Ħares, Madonna: fuq il-ġnus ħosbiena
għaddejja sħaba sewda, berreqija:
kulħadd imbażża' qiegħed jitlob ħniena,
biex l-Ewropa ma tmutx f'baħar ta' dmija.

Għax aħna nafu li Sultan-il-ħiena
iħaddem moħħu w qalbu fil-ħruxija;
u jekk ilbieraħ kienu l-għodda ħżiena
tal-ġlied, il-lum saru bla tarf waħxija.

Inti li taf kif jiżen il-Mulej,
u taf kif jgħabbar in-nirien tal-Qilla
bl-ilma tal-Ħajr, meta tibki l-Indiema,

tħallix, Madonna, li tintemm fix-xej'
it-Talba tal-ġwejdin: miktub ewwilla
li qatt id-dinja m'għandha jkollha SLIEMA?

Nhar Ħamis-ix-Xirka

## QASSIS ĠDID (1)

*Euntes... praedicate Evangelium*

Xterdu mad-dinja; lill-ġnus kollha niedu
l-aħbar it-tajba li ġibtilkom jiena:
iġbdu bil-ħlewwa lit-tajbin; mal-ħżiena
kunu qlubin daqs kemm tkun ħarxa l-ġlieda.

Jiena nkun magħkom: u għalxejn qerrieda
tgħaddi x-xabla ta' Setgħa mingħajr ħniena,
għax jiġġarrfu s-saltniet bis-snin għajjiena
u l-Knisja tiegħi tibqa' żżid f'uliedha.

Hekk wara l-Qawma lit-Tnax àmar Kristu,
u l-Kelma waslet ġewwa Ateni u Ruma,
u xegħlu żewġ nirien: l-Għira w l-Imħabba.

Issa wasal għalik l-àmar ta' Kristu,
Saċerdot ġdid: bħal Pawlu ġewwa Ruma
xandar l-aħbar tas-Sliem u ta' l-Imħabba.

Nhar l-Għid-il-Kbir, 1935 **Dun Karm**

(1) Dun Pawl Calleja tal-Mosta.

## GĦAJDUT MALTI

*(Jissokta mal-paġ. 143 tal-Għaxar sena),*

149. Kif ħabat laħaq.
150. Dak jobromhom.
151. Ruħ ta' fula.
152. B'xierfu kollu.
153. Iddabbar rasek.
154. Ħabat sebgħu.
155. Jew ass jew ċass.
156. Ta' ħajja nxuma.
157. Minnek 'l Alla.
158. Ħalib ommu fi snienu.
159. Qalbu f'idejh.
160. Qalbu ġġib.
161. Wiċċu jixhidlu.
162. Ta' żaqqu f'fommu.
163. Ħabba jrid u jikxifni.
164. Ħorrox borrox.
165. La kap u la kuda.
166. Xiber nies.
167. L-iskusa fil-komma.
168. Ferħan b'rixu.
169. Il-ħabel u s-satal.
170. Kelb u qattus.
171. Min qatt kiel il-kirxa miegħek!
172. It-tilqim tal-ġidri meraħlu għal wiċċu.
173. Kemm ra fuq wiċċu sa trabba.
174. Żelaq fin-niexef
175. Ilu 50 sena bil-magħmul.
176. Waqa' fil-bir tas-skieken.
177. Alla m'għamlu.
178. Ilu minn żmien żemżem.
179. Waqa' l-ass.
180. Qabad it-trieq it-twila.
181. Ħabat difru.
182. Ħabta u sabta.
183. Tarah il-qamar fil-bir.
184. Jien bandiera bajda.
185. Ma rridux ħabbata wara l-bieb.
186. Ma rridx inkun sufa f'ġismu.
187. Ajma jommi!
188. Dak biċċa deheb mastizz.